Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 506/2016

Il-Pulizja

Vs

John Paul Azzopardi

Illum 30 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra John Paul Azzopardi detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 447478M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-30 ta' Awwissu, 2016 ghall-habta ta' 12:00am sa 13:30hrs, fi Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera:

(1) Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra b'mod perikoluz;
(2) Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra b'nuqqas ta' kont;
(3) Saq vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni;
(4) Ikkaguna biza li sert tintuza vjolenza kontra Elizabeth Azzopardi jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti tal-imsmmija persuna.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 t' Ottubru, 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2) u 15(1)(a)(3) tal-

Kap 65 u l-Artikolu 251B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imsemmi imputat hati tar-raba' akkuza kif dedotta mill-prosekuzzjoni u lliberatu minnha. Sabet l-imsemmi imputat hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza kif dedotta mill-prosekuzzjoni u kkundannatu ghall-multa ta' €200 u kif ukoll skawlifikazzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur. Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Paul Azzopardi, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati u lliberatu mir-raba' imputazzjoni;
2. Thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwe, it-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena;
3. F'kull kaz u sussidjarjament, thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant, ossia principarjament is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cikrostanzi ta' dan il-kaz;

Dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni fic-cikrostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant John Paul Azzopardi:

1. Illi l-appellant jibda' sabiex l-ewwel u qabel kollox jeccepixxi li l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issibu hati ta' tali akkuzi u dan ghas-semplici raguni li hekk kif xehdet l-istess parte civile, l-allegat sewqan irregolari sehh

esklussivament fi Triq il-Ferrovija, Santa Venera. Hareg car mix-xhieda kemm tal-appellant u kemm tal-parte civile li l-appellant intebah bil-parte civile x' hin kien fuq ir-roundabout tat-Triq Regjonali u ghalhekk kwalunkwe incident stradali possibbli ma setgha qatt sar fi Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera, meta ormai l-appellant kien diga' qieghed fi Triq Regjonali u qabad Triq il-Ferrovija.

2. Illi fuq din is-sottomissjoni wahedha, l-appellant umilment jeccepixxi li l-Onorabbli Qorti kienet kompletament errata fid-decizjoni taghha.
3. Illi fuq il-mertu tad-dinamika tal-incident per se, l-appellant jisthoq li huwa prattikament impossibbli li l-verzjoni moghtija mill-parte civile hija veritiera u dan minhabba is-segwenti ragunijiet:
4. Illi Triq il-Ferrovija, Santa Venera, hija triq traffikuza hafna u triq kemxejn dejqa li ftit li xejn tippermetti sorpassi. L-appellant ikompli jirrileva li l-gurnata tal-incident kienet gurnata fost il-gimgha u li f'dak il-hin, it-triq tkun mimlija vetturi. Ma setgha qatt l-appellant jaghmel manuvra ta' sorpass fuq il-parte civile fejn jibqa' jsuq hdejha, sahansitra jnizzel it-tieqa u jipprova jkellimha. Huwa prattikament impossibbli li l-appellant ghamel din il-manuvra fi triq dejqa u triq traffikuza bhal Triq il-Ferrovija, Santa Venera, minghajr ma johloq incident stradali.
5. Illi barra minn hekk, l-appellant umilment jaghmel referenza ghar-rapport imhejji mill-parte civile stess u ghall allegazzjonijiet mressqa minnha quddiem is-Surgent 267 A.J. Cassar u sussegwentement ribaditi fuq il-pedana tax-xhieda quddiem din l-Onorabbli Qorti.
6. Illi l-allegazzjoni principali tal-parte civile, kienet li l-appellant kien qieghed isegwiha, liema allegazzjoni saret insistenza fuqha tul il-proceduri kollha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. L-appellant umilment jissottometti li, li kieku ried isegwiha zgur li ma kienx ser jaghmel sorpass fuqha. Hawnhekk, jista' jigi kkonstat l-animu tal-parte civile li ad ogni costo trid tara kif ser taghmel u titfa htija fuq l-appellant, htija li hija kompletament inezistenti.
7. Illi l-parte civile tant kemm riedet tara kif ser taghmel sabiex issib htija fil-konfornt tal-appellant li fil-fatt bdiet tikkontradixxi lilha nnifisha meta bdiet

taghid li l-appellant beda jipprova jsegwiha u fl-istess hin tghid li ghamel azzjoni ta' sorpass fejn sahansitra baqa' jsuq fuq in-naha hazina tat-triq u anki nizel it-tieqa sabiex ikellimha. Il-parte civile lanqas hi stess ma ddecidiet x'kienet il-verita', basta tispara bl-addocc fil-konfront tal-appellant bit-tama li jinstab hati fuq xi allegazzjoni li hija tressaq.

8. Illi dan il-fatt fih innifsu juri l-veracita' tax-xhieda tal-parte civile, xhieda li l-appellant umilment jisthoq li l-Onorabbli Qorti ma setghet qatt toqghod fuqha.
9. Illi l-parte civile allegat ukoll li l-appellant kien ser johloq xi incident ma xi vetturi li kienu qed isegwuha, izda hawnhekk ma ngabet ebda prova, ma ttella' ebda xufier ta' xi vettura ohra li suppost kien ser jintlaqat mill-appellant. L-appellant umilment jissottometti li, li kieku verament baqa' jsuq fuq in-naha l-hazina tat-triq hekk kif allegat mill-parte civile, zgur li xi hadd kien ser jaghmel rapport mal-Pulizija Ezekuttiva, oggett li ma sarx.
10. Illi sussidjarjament, l-appellant jaghmel referenza ghall-piena inflitta fil-konfront tieghu, ossia priniparjament ghas-sospensjoni tal-licenzja ghall perjodu ta' sitt xhur.
11. Illi l-appellant ma nstab qatt hati ta' sewqan perikolu u se mai din kienet l-ewwel darba li nstab hati ta' sewqan perikolu. Sussegwentement, umilment jissottometti li ma kien hemm xejn xi jqanqal lill-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza sabiex tiddipartixxi mill-minimu ta' tlett xhur sospensjoni indikat fl-artikolu 15(2) tal-Kap. 65.
12. Illi barra minn hekk, l-appellant gentilment jaghmel referenza ghall-artikolu 30(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn tenut kont li huwa jahdem mal-Awtorita' ghat-Trasport u jinneciessita li jkollu licenzja tas-sewqan sabiex ikun jista' jaghmel xogholu, oggett li kien diga' sottomess quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, u tenut kont tal-fedina penali tal-istess appellant, li hija wahda netta, l-appellant umilment jitlob li tali skwalifika tigi mnehhija.

Rat il-verbal tas-seduta tas-07 ta' Dicembru 2016 fejn l-Avukat Generali issolleva l-pregudizzjali dwar in-nullita tar-rikors ta'l-appell u dan billi hemm karenza tat-talba

billi l-appellanti la talab ir-revoka u lanqas ir-riforma tad-decizjoni impunjata u kwindi ir-rikors ma jirrispekkjax id-dettami tal-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali.

Semghet is-sottomissjonijiet fuq dan il-pregudizzjali hekk issollevat.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghal din l-pregudizzjali sollevata mill-appellat Avukat Generali dwar in-nullita tar-rikors ta'l-appell billi hemm karenza tat-talba fejn l-appellanti la jitlob it-thassir u lanqas it-tibdil tad-decizjoni impunjata u dan meta t-talba giet hekk abozzata *verbatim*:

"**Ghaldaqstant**, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, fir-rigward tas-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs John Paul Azzopardi deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali nhar il-21 ta' Ottubru tas-sena 2016, l-appellant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux hati u illiberatu mir-raba imputazzjoni;
2. Thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena;
3. F'kull kaz u sussidjarjament, thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernati l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant, ossia principarjament is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi tal-kaz;"

Illi minn qari tat-talba kif redatta, l-appellanti jommetti milli jitlob ir-riforma tad-decizjoni impunjata izda ighaddi minnufih biex jelenka punt punt it-talbiet tieghu. Illi ghalhekk kjarament jirrizulta illi l-appellanti kellu f'mohhu r-riforma jew it-tibdil

tad-decizjoni impunjata ghalkemm il-klema "tibdil" ma gietx adoperata minnu qabel ma ghadda biex jelenka serjatim dak li qed jitlob.

Issa minn ezami tal-gurisprudenza, ghalkemm il-Qrati taghna dejjem sahhqu illi l-artikolu 419 tal-Kap.9 ghandu jigi osservat skrupolozament, tant illi n-nullita tar-rikors ta'l-appell jista' sahansitra jigi sollevat *ex officio* mill-qorti, madanakollu jidher illi ir-rigidita zejda fl-applikazzjoni ta' dan id-dispost tal-ligi ghandha tigi evitata u dan sabiex, dejjem fil-parametri li tippermetti il-ligi, ma jigix mittiefes il-jedd fondamentali ghad-*doppio esame*. Jinsab deciz f'kaz analogu:

***"Il-prosekuzzjoni spjegat l-eccezzjoni taghha f'dan ir-rigward billi sostniet li fl-appell kellha tintalab ir-riforma tas-sentenza appellata u mhux it-thassir jew revoka. F'dan ir-rigward it-talba konkluzziva fir-rikors tal-appell setghet certament tigi redatta b'aktar precizjoni izda din il-Qorti hi tal-fehma li sabiex it-talba tkun qed titlob ir-riforma tas-sentenza appellata ma hux tassattiv u assolutament mehtieg li tintuza l-kelma "tibdel" jew il-kelma "tirriforma" fit-talba sakemm ikun manifestament car li dak li jkun qieghed jintalab ikun it-tidil jew riforma tas-sentenza appellata.[1]"***

Issa ghalkemm fit-talba kif redatta ma hemmx il-kelma "riforma" jew "tibdil", kif inghad, madanakollu l-appellanti jispejga t-talbiet tieghu dettaljament billi jelenka serjatim il-mod kif jixtieq illi din il-Qorti tikkonsidra d-decizjoni impunjata u dan billi fl-ewwel lok tikkonferma dik il-parti fejn huwa gie illiberat mir-raba imputazzjoni, imbaghad tirrevokaha fejn sabitu hati tal-ewwel tlieta u subordinatament jekk din it-talba ma tintlaqax allura qed jitlob it-thassir tal-piena inflitta b'mod principali fejn giet ordnata is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan u tinghata piena aktar ekwa u gusta – talba ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti cara u li tista tinftiehem, u li mal-ewwel tpoggi quddiem din il-qorti ta' revizjoni il-parametri ta' dan l-appell. Me hemm xejn li b'xi mod jista' iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi illi t-talba hija wahda konfuzzjonarja jew kontradittorja billi kif inghad hemm

[1] Il-Pulizija vs Lorcharles Pace – deciza 20/07/2012

spjegat car u tond dak li qed jigi mitlub minnha ghalkemm l-appellanti meta jirredigi ir-rikors ta'l-appell jommetti milli jindika illi qed tintalab ir-riforma tad-decizjoni impunjata.

*"ir-"raison d'etre" ta' l-artikolu 419 (1) (a) (b) ( c ) huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza u l-legislatur ried li r-rikors ta' appell ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-pozizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali , minn x'hiex qed jilmenta l-appellant u x'inhu jitlob[2]."*

Illi l-Qorti Kostituzzjonali[3] spjegat hekk l-ghan wara l-artikolu 419:

**Il-htiega li fir-rikors tal-appell jigi indikat b'mod car u mill-ewwel jekk l-appellant hux qed jitlob ir-revoka tas-sentenza kollha kemm hi jew il-varjazzjoni taghha (u allura liema parti qed jitlob li tigi konfermata u liema mibdula) hija imposta biex jigi assigurat li l-kawza titpogga fuq il-binarju korrett mill-ewwel, cioe` mal-presentata tal-istess rikors, u li ma jsirux appelli bl-addocc, specjalment meta jkun hemm diversi imputazzjonijiet, ghas-semplici fini biex l-appellant jipprova, kif jghid il-Malti, "fejn laqat, laqat"! Il-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 jipprovdu ghal mod organiku sabiex l-appelli, sia jekk isiru mill-persuna misjuba hatja u sia jekk isiru mill-Avukat Generali, ikunu jistghu jinstemghu bi speditezza. Huwa minnu li din id-disposizzjoni kienet introdotta fil-Kodici Kriminali fl-1900, meta l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet testendi ghal reati li jkollhom piena ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija (kien biss bl-Att XXIX tal-1940 li l-kompetenza ta' din il-Qorti bdiet, ftit ftit, tigi estiza); izda r-rekwiziti, taht piena ta' nullita`, tal-imsemmija tlett paragrafi huma aktar importanti llum meta persuni spiss ikunu akkuzati b'diversi akkuzi (u ta' aktar serjeta` milli setghu qatt kienu fl-1900) u allura spiss jigri li jinstabu hatja ta' xi whud minnhom u jigu liberati**

[2] Il-Pulizija vs Joseph John Agius – deciza 09/04/2003 App.Inf.
[3] Richard sive Rachela Spiteri et vs Avukat Generali deciza Q.K. 09/03/2010

**minn ohrajn, u ghalhekk ikun indispensabbli li mill-bidu nett jigi ccarat x'qed jitlob l-appellant."**

Illi allura billi fil-fehma ta' din il-Qorti it-talbiet fir-rikors ta'l-appell jindikaw b'mod car illi l-appellanti qieghed jitlob il-varjazzjoni u mhux ir-revoka tad-decizjoni impunjata fejn huwa jispjega f'termini cari il-mod kif tali varjazzjoni qed tintalab, ma tarax illi l-Avukat Generali ghandu ragun fil-pregudizzjali minnu intentata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tichad l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali u tordna il-prosegwiment tas-smigh ta'l-appell.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur